

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...
C

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' [...]

**li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru mhux kummerċjali u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../....
li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' [...]

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru mhux kummerċjali u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 għandu l-għan li jistabbilixxi u jżomm livell għoli ta' uniformità ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-mezzi ta' l-huq ta' dak l-għan u għanijiet oħra fil-kamp tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.
- (2) L-operaturi u l-persunal involuti fit-tħaddim ta' ċerti inġenji tal-ajru jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti li huma stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Skont dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor fir-regoli ta' implimentazzjoni, l-operaturi li jwettqu l-operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi għandhom jiddikjaraw il-kapaċità u l-mezzi tagħhom fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom assoċjati mat-tħaddim ta' dawn l-inġenji tal-ajru.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għat-tħaddim sikur tal-inġenji tal-ajru. Ir-Regolament (UE) Nru .../.... stabbilixxa dawn r-regoli ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru.
- (4) Għaldaqstant, dan ir-Regolament jemenda r-Regolament (UE) Nru .../.... sabiex jinkludi aspetti partikolari li huma relatati mal-operazzjonijiet mhux kummerċjali.
- (5) Sabiex tkun żgurata transizzjoni mingħajr xkiel u livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni Ewropea, ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jirriflettu l-aħħar żviluppi, fosthom l-aħjar prattiki u l-progress xjentifiku u tekniku fil-kamp tal-operazzjonijiet tal-ajru. Għaldaqstant, għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi li ntlaħaq qbil dwarhom taħt l-awspiċċju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (minn hawn 'il quddiem l-“ICAO”) u l-Awtoritajiet

¹ ĠU L 79, 13.3.2008, p.1.

Ewropej Konġunti tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-"JAA") sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll il-leġislazzjoni eżistenti li tagħmel parti minn ambjent nazzjonali speċifiku.

- (6) Huwa neċessarju li jingħata biżżejjed żmien għall-industrija ajrunawtika u għall-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri sabiex jadattaw ruħhom għall-qafas regolatorju l-ġdid.
- (7) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u sottomettiethom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (8) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... ġie emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), "u l-operazzjonijiet mhux kummerċjali bl-ajruplani, il-ħelikopters, il-blalen tal-arja u l-gliders" għandha tiddaħħal wara "operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru permezz tal-ajruplani u l-ħelikopters".
2. Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dettaljati għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-dikjarazzjoni minn u għas-superviżjoni tal-operaturi involuti fit-tħaddim mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi."
3. Fl-Artikolu 1, għandu jiddaħħal paragrafu 4 ġdid:

"4. Operazzjonijiet bl-ajru oħra inklużi operazzjonijiet fejn jintuża inġenju tal-ajru biex jitwettqu kompiti jew servizzi speċjalizzati għandhom jibqgħu jitwettqu f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli sakemm ma jiġu adottati u applikati r-regoli ta' implimentazzjoni relatati."
4. Fl-Artikolu 5(3), l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2, 8, 9 u 10, l-operaturi għandhom ukoll jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness V għar-Regolament (UE) .../.... meta jħaddmu:"
5. Fl-Artikolu 5(3)(b), "l-ajruplani u l-ħelikopters" għandha tinbidel bi "l-ajruplani, il-ħelikopters, il-blalen tal-arja u l-gliders".
6. Fl-Artikolu 5, għandhom jiddaħħlu dawn it-tliet paragrafi:

"8. L-operaturi ta' ajruplani u ħelikopters b'magni kumplessi li huma involuti f'operazzjonijiet mhux kummerċjali għandhom jiddikjaraw il-kapaċità u l-mezzi tagħhom fit-tweqqif tar-responsabbiltajiet assoċjati mat-tħaddim tal-inġenju tal-ajru u jħaddmu l-inġenji tal-ajru bid-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness III għar-Regolament (UE) .../.... u l-Anness VI kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

9. L-operaturi ta' ajruplani u ħelikopters, minbarra dawk b'magni kumplessi, kif ukoll ta' blalen tal-arja u gliders involuti f'operazzjonijiet mhux kummerċjali, għandhom iħaddmu l-inġenju tal-ajru skont id-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness VII kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

10. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1., 8. u 9., l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati skont ir-Regolament (UE) .../.... u li jwettqu taħriġ fit-titjir għandhom iħaddmu:
- (a) ajruplani u ħelikopters b'magni kumplessi skont id-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness VI għal dan ir-Regolament;
 - (b) ajruplani u ħelikopters, minbarra dawk b'magni kumplessi, kif ukoll blalen tal-arja u gliders skont id-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness VII għal dan ir-Regolament."
7. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu eżistenti għandu jiġi numerat bħala 1, filwaqt li għandhom jiġu miżjuda l-kliem "għall-operazzjonijiet bl-ajruplani tas-CAT" wara "Regolament (KEE) Nru 3922/91". Għandu jiddaħħal paragrafu 2 ġdid:
- "2. L-operazzjonijiet CAT bil-ħelikopters u l-operazzjonijiet mhux kummerċjali bl-ajruplani u l-ħelikopters b'magni kumplessi għandhom jibqgħu jitwettqu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbi dwar il-limitazzjonijiet tal-ħin ta' titjir sakemm jiġu adottati u applikati r-regoli ta' implimentazzjoni relatati."
8. Fl-Artikolu 9(3), il-kliem "paragrafu 2" għandhom jiġu ssostiwiti bil-kliem "paragrafi 2 u 4".
9. Fl-Artikolu 9, għandu jiddaħħal dan il-paragrafu:
- "4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma japplikawx:
- (a) id-dispożizzjonijiet tal-Anness III għar-Regolament (UE) .../.... għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali bl-ajruplani u l-ħelikopters b'magni kumplessi sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; u
 - (b) id-dispożizzjonijiet tal-Anness V, VI u VIII għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali bl-ajruplani, il-ħelikopters, il-gliders u l-blalen tal-arja sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."
10. Fil-paragrafu 1 tal-Anness I, iddaħħlu dawn id-definizzjonijiet:
- "Operazzjoni ta' proċedura ta' avviċinament bi gwida vertikali (APV) tfisser avviċinament bl-istrumenti li jutilizza gwida laterali u vertikali, iżda ma jilħaqx ir-rekwiżiti stabbiliti għal operazzjonijiet ta' avviċinament u nżul bi preċiżjoni, b'għoli ta' deċiżjoni (DH) ta' mhux inqas minn 250 pied u medda viżwali tar-runway (RVR) ta' mhux inqas minn 600 m.
 - 'Ajrudrom permess mit-temp' tfisser ajrudrom xieraq fejn, għall-ħin antiċipat tal-użu, ir-rapporti jew it-tbassir tat-temp, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, jindikaw li l-kundizzjonijiet tat-temp se jrin ikunu fil-limiti tal-valuri minimi operattivi tal-ajrudrom meħtieġ jew inkella iktar minnhom, u r-rapporti dwar il-kundizzjonijiet tal-wieċ tar-runway juru li sejjer ikun possibbli li jsir nżul sikur."
11. Għandhom jiddaħħlu Annessi VI u VII ġodda kif stabbilit fl-Annessi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika [mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kummissjoni

[...]

Il-President